# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 25**

**Avviz numru 1317/96/SM**

**George Bonnici u John Bonnici ghan-nom u in rappresentanza tad-ditta Middle Sea Insurance Company Limited u b'digriet tat-22 ta' Novembru tas-sena 2000 id-ditta Middle Sea Insurance Company Limited giet korretta ghall-Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tieghu Donald Pace.**

**vs**

**Joanne Saliba**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-18 ta' Novembru ta' l-1996 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-atturi nomine bhala konsegwenza tal-incident**

**tat-trafiku li gara bejn l-istess konvenut u Clarissa Pace s-sewwieqa tal-vettura numru K-7100 u li sehh fil-5 ta' Lulju, 1996 fil-limiti ta' B'Kara, waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura l-1565 b'mod traskurat u b'nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur George Bonnici nomine fl-ammont ta' tmien mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmi (LM823.45,0) jew ammont ohra verjuri okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata;**

4. **Bl-ispejjes komprisi dawk ta' ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru, 1995 kontra l-konvenut li tibqa minn issa ngunta ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika  ta' dan l-avviz kif wkoll bl-ispejjes ta' ittra ufficjali indirizzata lill-assikurazzjoni tal-konvenuta u ippresentata kontestwalment ma' dan l-avviz;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-10 ta' Jannar ta' l-1997 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu, kif jista' jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-incident de quo sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-assigurata tal-atturi noe, u cioe' ta' Clarissa Pace;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-procedura odjerna tista' tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident in dizamina sehh fil-5 ta' Lulju ta' l-1996 ghall-habta tas-6.30 p.m. fi Triq Stefano Erardi ma Triq Censu Bugeja, Birkirkara;**

2. **Illi l-vetturi nvoluti fl-incident de quo kienu dik bin-numru ta' registrazzjoni K-7100 misjuqa minn Claire Pace, u dik bin-numru ta' registrazzjoni I-1565 misjuqa mill-konvenuta Joanne Saliba;**

3. **Illi jirrizulta li l-konvenuta fuq imsemmija kienet qed issuq fi Triq Stefano Erardi, Birkirkara, u proprju kif wasslet f'nofs l-inkrocju ma' Triq Censu Bugeja, Birkirkara, tfaccat il-vettura ta' l-assikuraturi misjuqa mill-imsemmija Claire Pace minn naha tal-lemin u saret il-kollizjoni in dizamina;**

4. **Illi l-istess versjoni, ghalkemm ovvjament kapovolta, hi sostenuta mill-assikurata Claire Pace;**

5. **Illi d-danni reklamati mill-atturi gew debitament ipprovati;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mill-iskizz ipprezentat fl-atti ta' din il-procedura jirrizulta li l-konducenti nvoluti fuq riferiti kellhom vizwali tajba tat-toroq taghhom u dik li kienet tinkrocja maghhom;**

**Illi ghalhekk din il-qorti hi propensa li tirritjeni liz-zewg konducenti ugwalment responsabbli ghall-incident de quo stante li kieku t-tnejn ezercitaw il-prudenza dovuta allura l-incident de quo kien jigi facilment evitat;**

**Illi dan qed jinghad principalment in vista tal-fatt li l-kantunieri ta' l-inkrocju fejn sehh l-incident huwa wiehed maqtuh hesrem u mhux wiehed kontinwu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti:**

1. **Tiddikjara li z-zewg konducenti kienu ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni fl-ammont ta' tmin mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu, (LM823.45,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta Joanne Saliba biex thallas lill-atturi nofs dan l-ammont, senjatament, erba' mija u hdax-il Lira Maltija u tnejn u sebghin centezmu (LM411.72,0), u bl-imghaxijiet relattivi;**

4. **Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet;**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**